MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-12 ta' April, 2014

Numru. 376/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Bashir Abdulahi Ahmed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Bashir Abdulahi Ahmed ta’ 20 sena, bin Abdulle Ahmed u Ashkiro, imwieled gewwa s-Somalia nhar l-1 ta’ Jannar 1993, residenti gewwa l-Marsa Open Centre, Xatt il-Mollijiet, Marsa u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 111809(A).

Akkuzat talli:

1. nhar il- 10 ta` April 2014 gewwa tas- Sliema, ghal habta ta` 10:30pm, fi Triq it- Torri, Sliema, ikkommetta serq ta' basket u oggetti ohra minn fuq il persuna ta` Burak Akagundus, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u bil- vjolenza ghad-detriment ta' Burak Akagundus ta' nazzjonalita Torka u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienux delitti taht l-Att dwar l-Istampa;

3. U aktar talli f`Malta xjentament laqu ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b`kull mod li jkun indahalu sabiex ibieghhom jew imexxijhom;

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih jistghu jwasslu ghal piena massima ta' erba' snin u nofs prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u il-fedina penali nadifa ta' l-imputat, ghalkemm ilu Malta biss ftit inqas minn sena mis-27 ta' Settembru 2013.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi mhux l-affarijiet kollha li kienu fil-basket gew irkuprati, u senjatament il-wallet u l-iphone ghadhom nieqsa.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li t-tielet imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(a) u (c), 262, 267, 279(a), 48A, 334, 276 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena (1), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett snin (3), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------